# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru. 2757

**Kaz Nru. 3563 /HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Lorelle Degabriele (ID:305189 (M) )**

**vs**

**Elmo Pensions Limited (C 24542)**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni tar-rikorrenti Lorelle Degabriele (ID 305189 M) li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-23 ta' Gunju, 2017. Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrenti kienet assistita mill-Avv. Lara Dimitrijevic u ghas-socjeta ntimata dehru Dr Roberta Buhagiar li kienet assistita mill-Avv. Alessia Zammit McKeon.**

**Fl’istqarrija tal-kaz ir-rikorrenti tghid, li hija giet impjegata mas-socjeta fil-5 ta’ Dicembru, 2016 bhala Pensions Administrator b’kuntratt indefinit u kellha zmien ta’ prova ta’ sitt xhur. Hija tghid ukoll, li kellha salarju ta’ €24,000 fis-sena.**

**Hi tkompli tghid, li sa mill-bidu tal-impieg is-superjuri taghha kellhom anzjeta kbira sabiex tiffirma l-kuntratt ta’ l’impieg u tibda x-xoghol u dan peress li kien hemm hafna xoghol.**

**Fl’istqarrija taghha hija tghid ukoll, li x-xoghol li gie moghti lilha ma kienx kif miftiehem u li t-tahrig li kien gie mwieghed qatt ma gie moghti lillha kif suppost pero hija xorta wahda hadmet b’dedikazzjoni u professjonalita.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll li fit-12 ta’ Jannar, 2017 is-superjur taghha Dr. Roberta Buhagiar ghamlitilha l-performace Appraisal fejn giet moghtija kummenti pozittivi fosthom li hi kienet lesta li tiehu aktar responsabilita fix-xoghol taghha.**

**Fl’istqarrija taghha hija tghid ukoll, li wara li sar l-appraisal taghha kellha diskursata ma Dr. Buhagiar fejn din qabdet id-diskors fuq it-tfal u**

**qaltilha li ma kienitx tiggustahhom u tghata parir sabiex ma jfettiliex li hija jkollha t-tfal. Ir-rikorrenti tghid ukoll, li f'dak il-hin ghal dan id-diskorss hija ma kkummentatx.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll li fl'24 ta' Marzu, 2017 qalulha li kellha tmur kors ta' tahrig fuq xoghol li hija kienet involuta fih u liema kors kellu jsir fid-9 ta' Mejju, 2017 pero ma attenditx ghal dan il-kors peress li l-impieg taghha kien gie terminat.**

**Fl'istqarrija taghha r-rikorrenti tghid ukoll li fil-gimgha ta' 24 ta' April, 2017 kienet infurmat lid-Diretturi David Bartoli u William Harding li hija kienet tqila u dak inhar David Bartoli beda jistaqsija x'kien il-pass li jmiss li kienet se tghamel u tghid ukoll, li beda jghaddilha hafna kummenti personali.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li wara marret tghid li Dr. Roberta Buhagiar dwar it-tqala taghha u minn naha ta' Dr Buhagiar qaltilha "I have to cater for staff". Ir-rikorrenti tghid ukoll, li hasset li dan kien il-kumment kien stramb peress li kien zmien fejn minhabba l-kwistjoni ta' Brexit ix-xoghol taghha kien naqas drastikament.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li l-ghada marret tavza lid-Dipartiment ta' l-HR izda dawn kienu diga nfurmati ghaliex jidher li Dr. Roberta Buhagiar kienet diga tghathom l-informazzjoni.**

**Fl'istqarrija taghha r-rikorrenti tghid, li l-HR manager is-sur Michael Palmer ma kienx qed isib l-ebda problema bil-maternity leave li kien se jkollha tiehu u giet assigurata minnhu li ma kienx se jkun hemm l-ebda problema minn naha tieghu.**

**Hija tghid ukoll li sat-3 ta' Mejju, 2017 kien gie ndikat lilha li kienet se tinghata tahrig fuq sistema gdida li kienet se tintroduci s-socjeta.**

**Fl'istqarrija taghha r-rikorrenti tkompli tghid li fid-9 ta' Mejju, 2017 indunat li kienet qed tigri xi haga stramba fl'ufficcju u f'xi hin giet imsejjaha minn Dr Roberta Buhagiar fejn giet moghtija l-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg. Hija tghid ukoll, li ma gietx mghotija l-opportunita li tirribatti l-akkuzi li kienu qed jigu ndikati fl'ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg taghha u li lanqas biss kienet taf li kien hemm affarijiet li kienu qed jingemaw bhala akkuzi fil-konfront taghha qabel ma gie tterminat l-impieg taghha.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li hi temmen li t-terminazzjoni ta' l-impjeg taghha saret minhabba li kienet tqila u kemm damet fl'impjeg qatt ma giet moghtija l-ebda twissija bil-miktub. Hija tkompli tghid, li l-akkuzi fil-konfront taghha kienu nfondati u dan setghet tippruvah lid-Diretturi tal-kumpanija li kieku ma kienux daqshekk mghagglin biex jitterminaw l-impjieg taghha.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu fil-fatt u fid-dritt ghandhom jigu michuda. Hija tghid ukoll, li ghal kuntarju ta' dak allegat mir-rikorrent fir-rikors taghha tat-23 ta' Gunju, 2017 is-socjeta mxiet mal-ligi u tterminat ix-xoghol tar-rikorrent ghal raguni tajba u valida, fl-ispirtu tal-Kapitolu 424 tal-ligijiet ta' Malta, liema ragunijiet nghataw bil-miktub lir-rikorrenti bl-aktar mod dettaljat, u dan permezz tal-ittra datata 9 ta' Mejju 2017.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li fil-fatt jirrizulta ampjament li r-raguni li wasslet ghat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti waqt il-probationary period kienet l-imgieba naccettabbli da parti taghha, inkluz agir aggressiv fil-konfront kemm ta' kollegi kif ukoll membri tal-management team u superjuri diretti taghha. Is-socjeta tkompli tghid, li dawn l-episodji gew dettaljati kemm fl-ittra datata 9 ta' Mejju, 2017 kif ukoll fl-ittra ufficjali pprezentata mis-socjeta fit-23 ta' Mejju, 2017.**

**Fl'istqarrija tal-kaz is-socjeta tkompli tghid, li b'mod partikolari l-episodji li wasslu ghat-tkeccija tar-rikorrenti kienu :-**

- **Fl-ewwel gimgha ta' impjieg mas-socjeta ir-rikorrenti ghamlet xenata li kienet tinvolvi ghajjat da parti taghha fl-ufficini tal-kumpanija u dan fil-konfront ta' kollega taghha abbinati ma kliem mhux xieraq, inkluz illi hija qalet li qeghda taghmel pjacir lis-socjeta billi tattendi ghax-xoghol. Is-socjeta tghid ukoll, li dan sehh fil-prezenza ta' Alison Fenech li jokkupa il-kariga ta' Sales and Markting Manager u Dr Roberta Buhagiar li tokkupa l-kariga ta' Corporate Legal Manager. Is-socjeta tghid, li dak inhar stess l-istess Dr Buhagiar avzat lir-rikorrenti illi tali mgieba ma kienitx accettabli u stednietha sabiex tghamel kuntatt maghha f'kaz li tiltaqa ma diffikultajiet ohra fuq il-post tax-xoghol;**

- **Fl'20 ta' Jannar 2017, waqt illi l-manager tar-rikorrenti Dr. Roberta Buhagiar kienet qeghda taghtiha struzzjonijiet dwar xoghol, ir-rikorrenti b'insubbordinazzjoni assoluta ghamlet xenata ohra li kienet tinvolvi ghajjat u allegazzjonijiet infondati. Is-socjeta tghid, li dan sehh fil-prezenza ta' Alison Fenech. Is-socjeta tkompli tghid li fit-23 ta' Jannar, 2017 ir-rikorrenti nghatat twissija illi tali agir da parti taghha ma kienx accettabbli, li ma kienx ser ikun tollerat u jekk kien ser jirrepeti ruhu kienet ser tittiehed azzjoni dixxiplinarja fil-konfront taghha b'effett immedjat;**

- **Fit-3 ta' Mejju, 2017 ir-rikorrenti regghet ghal darb'ohra agixxiet b'mod aggressiv fil-konfront ta' membru iehor fil-management team, liema incident kien jinvolvi ghajjat, kliem vulgari u tghajjir. Dan sehh fil-prezenza ta' kollegi ohra.**

**Fl'istqarrija taghha is-socjeta tghid ukoll, li f'dawn ic-cirkostanzi mghadud mas-sens ta' dizinteress u l-livell inaccettabbli ta' xoghol da parti tar-rikorrent matul is-sena 2017, is-socjeta ma kellha l-ebda alternattiva ghajr illi tittermina l-impieg taghha. Is-socjeta tghid ukoll, li ghandu jinghad li r-reazzjoni tar-rikorrenti nhar id-9 ta' Mejju, 2017 meta giet moghtija l-ittra tat-terminazzjoni l-imgieba taghha kienet arroganti fejn qalet li s-socjeta kienet ghamlitilha pjacir ghaliex kienet tqila u ma kellhix hin ghax-xoghol.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li mhuwiex accettabbli li f'socjeta demokratika u f'ambjent ta' xoghol demokratiku li haddiem ghax ma jridx joqghod ghal ordnijiet u/jew direzzjonijiet tas-superjuri tieghu, u jinghata twissija ghal darba, darbtejn, tlieta meta jitkecca jallega b'mod ghal kollox inveritjier illi t-tkeccija saret minhabba tqala u jipppretendi kumpens ghal dan.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li r-rikorrenti giet moghtija r-ragunijiet kollha li wasslu ghat-terminazzjoni tal-impjieg taghha, bl-aktar mod dettaljat, u dan fl-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg datata 9 ta' Mejju, 2017 liema ragunijiet kienu assolutament indipendenti mit-tqala tal-imsemmija rikorrenti. Ghalhekk ir-rekwiziti tar-Regolament 12A(c) tal-Avviz Legali 439/2003 kif emendat gew pjenament osservati da parti tas-socjeta.**

**Mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti giet impjegata mas-socjeta fil-5 ta' Dicembru, 2016 fil-grad ta' Pensions Administrator fuq kuntratt indefenit bi zmien ta' prova ta' sitt xhur.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul l-impjieg ir-rikorrenti ghalkemm ma kienitx nfurmat lill management bil-miktub pero diversi membri tal-management inkluz l-HR Manager kienu jafu li r-rikorrenti kienet pregnant.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li nhar id-9 ta' Mejju, 2017 hija dahlet ghax-xoghol normali u wara l-gurnata tax-xoghol giet imsejjha mill-management fejn giet infurmata li l-impieg taghha kien qed jigi tterminat.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti giet moghtija l-ittra tat-terminazzjoni fejn kien hemm indikat ir-ragunijiet tat-terminazzjoni ta' l-impieg u liema terminazzjoni kienet qed issir waqt iz-zmien ta' porva u peress li kienet tqila skond il-ligi kien obbligu mis-socjeta li tghati r-ragunijiet ghat-terminazzjoni ta' l-impieg taghha.**

**Mil-provi jirrizulta wkoll, li fl'ittra tat-terminazzjoni s-socjeta rreferit ghal incidenti li sehhew matul il-perjodu ta' l-impieg tar-rikorrenti liema ncidenti diga saret riferenza ghalihom fl'istqarrija tal-kaz tas-socjeta.**

**Waqt il-provi s-socjeta resqet diversi xhieda biex jikkonfermaw l-incidenti msemmija. Is-socjeta tghid ukoll, li rigward dawn l-incidenti kienet wissiet lir-rikorrenti.**

**Minn naha tar-rikorrenti fix-xhieda taghha tas-seduti tal-21 ta' Gunju, 2019 u tal-25 ta' Ottubru, 2019 tirreferi ghal incidenti fejn is-socjeta ddecidiet li kien tort tar-rikorrenti u li wasslu biex is-socjeta tittermina l'impieg taghha.**

**Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tispjega li dwar l-ewwel incident li sehh ma holqietux hi imma kienet Jean Testa li qaltilha biex ma tindahalx fl-**

**affarijiet tal-Banek u fir-role taghha meta hi kellha tiehu xi xoghol ta' Jean Testa ghax kienet bir-reduced hours.**

**Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tghid ukoll, li tahseb li Jean Testa peress li kienet bir-reduced hours bdiet tibza li kienet se titlef ix-xoghol taghha u dan jigi moghti lir-rikorrent.**

**Dwar it-tieni ncident ir-rikorrenti fix-xhieda taghha tghid, li dan kien sehh meta Dr Roberta Buhagiar kienet tghidilha li hi kienet se tiehu r-role ta' Complaince Officer. Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tispjega, li dan l'incident kien jikkonsisti li hija rrifjutat li tmur ghand id-Diretturi ghal firem ghar-raguni li ma kienx hemm il-htiega li dawn jiffirmaw.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li dwar it-tielet incident kienet qed tghamel ix-xoghol normali taghha u dan kien fiz-zmien li Jeanique Testa kienet harget bil-leave. Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tghid, li Jeanique Testa ma kienitx qed tkun fl-ufficcju u hija (rikorrenti) kienet taqsam ix-xoghol ma mpjegata ohra li kienet Melissa. Ir-rikorrenti tghid ukoll, li ghalkemm kienet taqsam ix-xoghol ma Melissa pero kienet aktar Melissa li kienet tiehu hsieb l-affarijiet tal-Banek.**

**Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tghid, li Melissa qaltilha li ma kienitx tghata l-lista ta' transizzjonijiet ta' dik il-gimgha. Ir-rikorrenti tghid, li qalet lill Melissa li hi ma kellix x'taqsam ghax il-lista kienet tiehu hsieba Jeanique. Ir-rikorrenti tghid ukoll, li qalet lill Melissa li jekk Jeanique neset tghatiehomla meta harget bil-leave hija ma kellix tort. Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tghid ukoll, li Melissa bdiet tghajjat maghha u bdiet issabbat it-telephone.**

**Mill-provi li ezamina t-Tribunal Industrijali ghalkemm is-socjeta tghid, li wissiet diversi drabi lir-rikorrent pero dan it-Tribunal Industrijali ma jirrizultalux li dawn it-twissijiet gew dokumentati bil-miktub u lanqas ma jirrizultalu li dawn it-twissijiet gew moghtija lir-rikorrenti wara process dixxiplinarju.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel kunsiderazzjoni primarja li jiehu hija, li ghalkemm meta saret it-terminazzjoni ta' l-impieg ir-rikorrenti kienet ghadha taht zmien ta' prova pero peress li hija kienet tqila s-socjeta kienet obbligata skond il-ligi li tghati r-ragunijiet tat-terminazzjoni ta' l-impieg.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li ghalkemm is-socjeta tghat lir-rikorrenti ir-ragunijiet ghat-terminazzjoni**

**ta' l-impieg pero t-terminazzjoni ta' l-impjieg saret b'modd hesrem u l-management unilateralment iddecieda li r-rikorrenti kienet hatja ta' l-incidenti msemmija fl'ittra tat-terminazzjoni ta' l-impjieg minghajr qabel ma ghadda lir-rikorrenti process ta' dixxiplina, fejn ir-rikorrenti kien ikollha l-opportunita li tghati l-verzjoni taghha biex tiddefendi l-kaz taghha.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li l-principju fundamentali tal-gustizzja naturali huwa li hadd ma ghandu jinstab hati qabel ma tigi moghtija l-opportunita ghal smigh xieraq.**

**It-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq, li meta fl'opinjoni tas-sid il-haddiem ikun naqas minn dmirijiethu u jkun jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu, is-sid ghandu jinforma lill haddiem involut bil-miktub x'kienu n-nuqqassijiet tieghu u jghatih l-oppotunita li jiddefendi l-allegazzjonijiet li jkunu saru fil-konfront tieghu biex b'hekk il-haddiem ikun f'qaghda li jiddefendi l-kaz tieghu. Ghaldaqstant, is-sid ghandu johrog att ta' akkuza fil-konfront tal-haddiem u jghatih data u hin ta' meta se jkun se jinstema l-kaz ta' dixxiplina fil-konfront tieghu. Il-haddiem ghandu wkoll jinghata l-opportunita li jtella xhieda kif ukoll jekk ikun irid ikollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li fl'ebda stadju tal-kaz is-sid ma ta' l-opportunita lir-rikorrenti li b'modd xieraq tiddefendi l-kaz taghha.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzzjoni li r-rikorrenti ma kellix smigh xieraq fil-process ta' dixxipplina u b'konsegwenza gie miksur id-dritt fundamentali tal-gustizzja naturali u ghaldaqstant it-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ingusta u saret bi ksur tal-ligi.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li r-rikorrenti ghandha tithallas kumpnes ta' €8,500 (tmien t'elef u hames mitt euro) liema kumpens ghandu jithallas minghand Elmo Pensions Limited (C 24542 ) fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u is-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Data : 16 ta' Settembru, 2021**